KUNSILL LOKALI
IS-SIĠĠIEWI
Città Ferdinand

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi

IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 460 (9-3)

It-Tnejn 5t'Awwissu 2024 fis-6.00 ta' filgħaxija

Il-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi ltaqa' fiċ-Ċentru Ċiviku tas-Siġġiewi li jinsab fl-indirizz 18, Pjazza San Nikola, is-Siġġiewi.

PREŻENTI:

Is-Sindku Julian Borg
Il-Viċi Sindku Ryan Cachia
Il-Kunsillier Christopher Farrugia
Il-Kunsillier Dominic Grech (ħareġ mill-laqgħa fit-8.30pm)
Il-Kunsillier Charles Vassallo

ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):

Il-Kunsillier Francine Farrugia
Il-Kunsillier Albert Pace

ASSENTI

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Ritienne Giorgino – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku preseda l-laqgħa.

**460.1** **Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

**460.1.1** Is-Segretarju Eżekuttiv preżentat l-ittri ta' apoloġija tal-Kunsillieri Francine Farrugia u Albert Pace.

**460.1.2** Is-Sindku issospenda s-Seduta biex jagħti ċans resident iressaq ilment fuq issue partikolari.

**460.1.3** Is-Sindku talab li titkompla s-Seduta.

**460.2** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

Inqraw il-Minuti tas-Seduta 459. Is-Sindku ressaq il-Minuti għall-approvazzjoni. Il-Viċi Sindku ssekonda. Il-Kunsill approva unanimament il-Minuti moqrija bħala dokument korrett.

**460.2.1** **Punti li joħorġu mill-Minuti**

**460.2.2** Il-Kunsillier Dominic Grech irrefera għal punt 6.1. Hu qal li l-informazzjoni dwar min oriġina l-idea tal-proġett mhix korretta u talab li tintalab informazzjoni mill-Ministeru tal-Ekonomija u l-INDIS dwar l-oriġini tal-proġett, biex jiġu kkonfermati d-dettalji.

**460.3** **Komunikazzjoni mis-Sindku**

**460.3.1** Is-Sindku rrefera għall-intervent ta' resident minn Triq Donia Baldacchino dwar imblokkar tal-aċċess tat-trejqa b'parkeġġ illegali. Hu qal li diġa hemm tabella fuq il-post. Intalbet iktar informazzjoni u ritratti biex il-każ jiġi diskuss f'Seduta oħra.

**460.3.2** Is-Sindku infroma li ġiet riċevuta talba għal internships ta' studenti Franċiżi fuq l-ambitu ta' infrastruttura u urban planning. Hu qal li hemm diversi inizjattivi li dawn l-istudenti jistgħu jgħinuna fihom. Hu propona li l-Kunsill jagħti opportunita' lil żewġ studenti. Din l-inizjattiva ma tinvolvix spejjez.

**460.3.3** Is-Sindku informa li l-kuntrattur li kien qed jagħmel xogħol tat-tindif rurali bgħat komunikat li ser iwaqqaf is-servizz sal-aħħar ta' Lulju minħabba raġunijiet ta' mard. Is-Sindku qal li bħalissa qed issir l-evalwazzjoni tat-tender LCS1/24, għalhekk ġie avviċinat il-kuntrattur bl-irħas offerta biex jagħti s-servizz għal xahrejn bl-istess prezz, sakemm jingħalaq il-proċess tal-Procurement, u b'hekk it-tindif jibqa' għaddej mingħajr xkiel. Il-Kunsill unanimament qabel.

**460.3.4** Is-Sindku nforma li s-servizz tal-knis b'direct order li kien qed jingħata minn ERS kien jagħlaq f'Lulju u intalbet stima għal xahrejn oħra sakemm jingħalaq il-proċess tat-tender. Huwa qal li l-istima tal-ERS ma kinetx l-irħas peress li għollew il-prezz drastikament. Qal li s-servizz għal dawn ix-xahrejn qed jingħata mill-irħas offerent għal €9900 Vat eskluż għal Awwissu u Settembru. Il-Kunsill unanimament qabel. Hu rringrazja lill-Kunsillier Charles Vassallo tal-koordinament tax-xogħlijiet u talli kuljum qed isegwi l-andament tat-tindif flimkien mal-Works manager.

**460.3.5** Is-Sindku nforma li kien iltaqa' l-bord ta' evalwazzjoni fejn il-Kunsillier Christopher Farrugia ddikjara kunflitt ta' interess. Hu ntalab jinnomina kunsillier biex jieħu postu għal evalwazjoni u nnomina lill-Kunsillier Albert Pace. Il-Kunsillier Dominic Grech qal li billi persuna jkollha kuntatt ma' kuntrattur ma jkunx kunflitt sakemm ma jkunx hemm parentela stretta bħal missier jew aħwa. Is-Sindku qal li jekk il-Kunsillier Farrugia ħass li kien hemm kunflitt ta' interess għax kien jaħdem viċin persuna li tefa l-offerta, kellu kull dritt u jkun ġust li jagħmel dan.

**460.3.6** Is-Sindku qal li sussegwenti għall-inċident traġiku li ġara fil-jiem li għaddew fejn waqa' blat f'bajja li safa l-ħajja ta' tfajla mil-lokal, wassal il-kondoljanzi lill-familjari u qrabat, u qal li sar komunikat mal-Ministeru sabiex jerġa jsir assessjar u evalwazzjoni tal-kundizzjoni tal-blat f'Għar Lapsi, u jittieħed kull provediment neċessarju b'mod urġenti biex tiġi salvagwardjata is-sigurta'. Is-Sindku qall-Kunsill kien proattiv u diġa informa lid-Dipartiment tax-Xogħolijiet biex issir it-tiswija ta' netting, jiżdiedu t-tabelli, tinġibed l-attenzjoni kull meta jkun hemm bżonn, u ssir it-tiswija meħtieġa. Sfortunatament, hemm individwi li jqattgħu ix-xibka biex jidħlu jistkennu taħt, anka bil-familji mingħajr ma jqisu l-konsegwenzi.

**460.3.7** Is-Sindku rrefera għal korrispondenza mit-Trasport Pubbliku dwar proposta għal spustjar tal-bus terminus lejn Triq Mons Mikiel Azzopardi qabel iddur lejn Triq il-Qrendi, kif jidher fil-pjanti murija. Dan biex jitneħħa l-inkonvenjent tal-vetturi minn Pjazza San Nikola. Is-Sindku talab li tiġi ċirkolata din il-korrispondenza mal-Kunsilliera. Is-Sindku qal li din issolvi diversi issues, fosthom ta' emissjonijiet, parkeġġ, storbju u konfuzjoni tat-traffiku. Wara diskussjoni, il-Kunsill unanimament qabel mal-prinċipju li l-venda tiġi spustjata għal fejn indikat.

**460.3.8** Is-Sindku rrefera għall-korrispondenza mir-Reġjun Punent dwar problema ta' aċċessibilita' għall-ġbir ta' skart mit-trejqa Ta' Bellula. Hu qal li din il-problema ilha xhur tiġi diskussa biex tinstab soluzzjoni u saret applikazzjoni għal crash barrier mal-liwja u tul it-triq. Is-Sindku qal li qed issir talba biex din issir minn Transport Malta minħabba periklu. Sadanittant, u bħala miżura temporanja, qed imur vann jiġbor l-iskart darba f'ġimgħa u bi ftehim mal-kuntrattur tal-iskart, jintrema mal-ġabra. Din qed tiswa lill-Kunsill €150 fil-ġimgħa sakemm il-problema ta' aċċessibilta' tkun riżolta. Il-Kunsillier Charles Vassallo staqsa jekk hemmx xi deadline għall-installazjoni. Is-Sindku wieġeb li mhemm xejn konfermat iżda qed issir l-insistenza neċessarja minħabba periklu.

**460.3.9** Is-Sindku rrefera għal Ċirkulari 1/2021 re Laqgħat Statutorji tal-Kunsilli Lokali. Is-Sindku qal li ċ-ċirkolari tispeċifika li l-attendenza virtwali tista' tkun permessa biss f'każijiet straordinarji ta' safar jew mard fejn il-Kunsillier ikun diġa' avża li mhux ser ikun dispost fid-data miftehma fl-aġġornament fis-Seduta ta' qabel.

**460.4** **Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

**460.4.1** Ma kienx hemm mistoqsijiet.

**460.5** **Aġġornament - Dekasteri u responsabbiltajiet**

**460.5.1** Kultura u Għaqdiet

Il-Viċi Sindku elenka il-membri proposti għas-Sotto Kumitat tal-Kultura. Hu qal li l-membri identifikati kollha huma intiżi f'ambitu partikolari relatat: Mark Vassallo (mużiċist), Jesmond Grech (Poeta u kittieb), Leonard Callus (riċerkatur/storiku), Joseph Mary Pace (kittieb/storiku), Guido Baldacchino (riċerkatur), Martina Zarb (arkeologu). Hu qal li qed issir ġabra tan-negozji u kummerċ fil-lokalita' kif ukoll lista bid-dettalji tal-għaqdiet biex ikun jista' jsir kuntatt.

**460.5.2** Tindif

Il-Kunsillier Charles Vassallo rringrazja lill-Kunsill għas-sapport għat-telfa ta' missieru fl-aħħar jiem. Rigward indafa qal li segwa personalment, flimkien mal-works manager, lill-kuntrattur il-ġdid sakemm jindara l-operat u l-iskeda. Hu irringrazja lil works manager u l-amministrazzjoni għal kif jitrattaw l-ammont ta' ilmenti dwar tindif li jiġu riċevuti kuljum u qal li qed isiru spezzjonijiet frekwenti biex jaċċerta li fejn jinkines ikun sar sew inkluż il-qtugħ tal-ħaxix mal-bankini. Qal li saret insistenza mal-kuntr attur li l-boroż tal-iskart iridu jitneħħew dak inhar stess. L-aħħar jiem, anka peress li bħalissa b'hemmx beach cleaner fil-Bajja ta' Għar Lapsi, qed isir tindif u tbattil tal-bins fil-park u l-bajja. Il-Kunsillier Vassallo rringrazja lill-Kunsillier Albert Pace, illum assenti, tal-koperazzjoni u l-koordinament f'Għar Lapsi.

Il-Kunsillier Charles Vassallo qal li fl-aħħar jiem sar tindif intensiv fit-triq ta' Għar Lapsi kollha, inkluż quddiem ir-reverse osmosis u ser jitkomplew it-toroq biswit. Hu qal li hemm lista sħiħa ta' toroq fejn iridu jitnaddfu u ser isir it-tindif lejn Ħal Xluq minħabba li ser ikun hemm il-festa. Hu qal li qed isegwi personalment ix-xogħol flimkien mal-works manager biex jassikura li x-xogħol qed isir tajjeb u qal li r-riżultat huwa sodisfaċenti.

Il-Kunsillier Vassallo ressaq l-ismijiet ta' persuni għal workshops fuq l-indafa: Stephanie Vassallo li ser tikkoordina clean-ups frekwenti, Silvio Spiteri fuq iż-żona rurali u Joseph Mifsud fuq iż-żona urbana.

Il-Kunsillier Vassallo informa li qed jaħdem fuq l-ewwel Clean-up li ser isir fil-21 ta' Settembru 2024 fiż-żona ta' Għar Lapsi. Dan ser isir b'koordinament mar-Reġjun punent u parzjalment finanzjat mill-iskema tas-Segretarjat Gvern Lokali. Hu qal li qed jikkordina mal-għaqdiet għal parteċipazzjoni, u mal-banek lokali li jistgħu jgħinu bħala parti mill-corporate events. Hu rrefera għat-talba għal magna addizjonali tal-BCRS, liema talba ġiet rifjutata, biex il-kunsill ikompli jinsisti għax ir-residenti mhumhiex moqdijin b'magna waħda.

**460.5.3** Konservazjoni wirt kulturali u Jum is-Siġġiewi

Il-Kunsillier Dominic Grech qal li hu sodisfatt li qed ikomplu d-diskussjonijiet dwar il-proġett tal-Kappella tal-Karmnu fil-Fawwara li kien beda meta kien Sindku u qed jagħmel follow-ups. Hu rrefera għal l-istudju li semma s-Sindku u qal li diġa kien sar studju fuq l-istat tal-kappella u hemm stima tal-ħsarat u l-intervent. Hu semma li l-fondi Ewropej għal dan il-proġett mhumhiex biżżejjed u huwa neċessarju intervent mill-Gvern Ċentrali, anka peress li l-allokazjoni ta' fondi ewropej għal dan il-qasam naqset. Hu qal li minn informazzjoni mill-Ministru tal-Wirt Nazzjonali, f'Ottubru mistennija jinħarġu skemi mill-Proġett Leader. Hu qal li qed iħares 'il quddiem għal punt 460.9 f'din l-aġenda. Il-Kunsillier Grech qal li għal Diċembru ser jibda jaħdem fuq l-attivitajiet ta' Jum is-Siġġiewi.

**460.5.4** Sports, Innovazjoni u Ġonna Pubbliċi

Il-Kunsillier Christopher Farrugia qal li qed jagħmel kuntatt mal-istakeholders kollha għal proposti u way forward. Hu qal li fl-ambitu ta' innovazjoni hemm fejn wieħed jimraħ għax huwa vast u l-innovazjoni tista' tkun f'kull proġett. Hu qal li bħalissa qed jagħmel assesjar tal-ġonna kollha fil-lokalita', u jħejji rapport.

**460.6** **Aġġornament – Proġetti infrastrutturali**

**460.6.1** Triq Annabelle Vassallo, Triq l-Imqabba u Triq Lapsi

Is-Sindku nforma li x-xogħol fi Triq l-Imqabba, Triq Annabelle Vassallo u Triq Lapsi issa tlesta inkluż it-tabelli u s-senjaletika. Hu qal li qed jirċievi kummenti minn xi resident rigward issues l-iktar ta' aċċess mill-garaxxijiet u veloċita ta' sewqan. Hu qal li qed ikun hemm ipparkjar ta' vetturi fin-nofs anka jekk hemm senjaletika, li qed joħloq periklu u talab lill-pulizija biex isir infurzar. Irċieva ilmenti wkoll fuq kif qed joħorġu l-vetturi minn Triq Annabelle Vassallo għal Triq Lapsi u qal li s-senjaletika tat-traffiku kif saret hija tajba u propona li ssir mera faċċata. Hu qal li l-crash barrier mal-ġonna qed toħloq problema ta' aċċess u propona parti mill-crash barrier tinbidel għal bollards biċ-ċavetta.

Il-Kunsillier Dominic Grech qal li ma jaqbilx għax iċ-ċavetta ser tkun skariġġ fuq l-amministrazjoni u mhix prattika. Semma wkoll iċ-ċint tal-kantun li inbena fit-tarf tat-triq li huwa estetikament ikrah u li kien diġa ġibed l-attenzjoni tal-perit responsabbli biex issir crashbarrier flok iċ-ċint, iżda minn informazjoni jidher li dan qiegħed minħabba problema ta' ilma.

Is-Sindku informa li ser ikollu laqgħa ma' Infrastructure Malta rigward il-pjan tat-toroq skedati u t-timelines.

**460.6.2** Ġnien f'Ramija

Is-Sindku informa li l-aħħar kisja asphalt ma tistax issir għalissa peress li ħa tkun b'kulur aħmar li qiegħed għall-impurtar. Hu qal li jonqos l-għamara u d-dwal, li l-proċess ta' procurement qiegħed għall-evalwar. Hu qal li qed isegwi l-proċess ta' landscaping biex isir kif suppost u jsir il-handover għall-manutenzjoni meta l-proġett jiġi finalizzat. Il-Kunsillier Dominci Grech qal li dawn id-dettalji qegħdin imniżżla fl-MOU ffirmat. Il-Kunsillier Charles Vassallo qal li it-toroq ta' madwar il-binja ingħataw tindifa sew u hemm bżonn xi manutenzjoni ġenerali.

**460.6.3** Family Park

Is-Sindku informa li qed issir l-installazjoni tal-għamara, bankijiet, fencing, u zipline. Hu qal li qed isir koordinament għac-cctvs u l-aħjar opzjoni għall-konnessjoni tagħhom jekk hux b'wifi jew 4G. Din ser titħallas mill-Kunsill. Informa li n-naħa l-oħra tat-triq qed jgħaddu s-servizzi tal-ilma biex eventwalment issir it-triq minn Infrastructure Malta inkluż il-biċċa ta' wara tat-triq. Hu qal li hemm potenzjal ta' numru sabiħ ta' siġar tul it-triq kollha u anka fuq il-parti ta' wara tat-triq fejn jieqaf il-ġnien. Hu qal li qed isegwi biex ix-xogħol jibqa miexi u l-proġett jitlesta u t-taħwil tas-siġar isir lejn Ottubru, Novembru.

**460.6.4** Reading Garden

Is-Sindku informa li l-applikazzjoni għadha għand il-Planning Authority fejn ġew sottomessi reviżjoni tal-pjanti, biex ikun hemm il-konferma tac-CRPD. Sadattant, qed isir stħarriġ biex jinkisbu fondi ulterjuri u dan il-proġett ikun jista' jitwettaq.

**460.6.5** Pjazza San Ġwann – Ristrutturar tal-parti tan-nofs

Is-Sindku preżenta proposta ta'pjan ta' proġett żgħir għal parti ċentrali ta' din il-pjazzetta, meqjus bħala monument (landmark). Hu preżenta stima preliminari biex jiżżarma dak li hemm bħalissa u jerġa jsir, is-siġra ezistenti ma tintmessx, jitneħħa l-kontenitur tal-iskart u jsiru bankijiet ġodda. Qal ukoll li d-desposit box tal-posta mhix postha hemm u għadha tiġi rilokata. L-ispiża stmata €11.000. Hu qal li qed isir stħarriġ ta' finanzjament. Semma wkoll li hemm problema kbira ta' rimi ta' skart illegali fuq din il-biċċa u qed jinġiebu stimi għall-installar ta' cctv biex isir infurzar u jinqata l-abbuż.

**460.7** **Aġġornament – Proġett 'Bankini ġodda għalik'**

**460.7.1** Is-Sindku qal li qed jitfassal pjan ta' bankini fuq short, medium u long term. Hu qal li saru l-BOQ's u l-pjanti relattivi u t-talbiet ġew vetted kollha personalment biex jiġi evalwat x'intervent hemm bżonn. Is-Sindku qal li din il-listi ġew preżentati f'laqgħa riċenti mal-Onorevoli Omar Farrugia u tqassmu f'lots biex isiru mid-Dipartiment tax-Xogħolijiet.

Is-Sindku elenka kif ġew imqassma il-lots biex ikunu inklużi l-areas diversi tal-lokalita'.
Lot 1 – Triq S.Mallia, Ġ.Aġius, Ġ.Bartolo u Dun Anton Vella – Total ta' €93k
Lot 2 – Żona Triq il-Wied u d-dawra kollha – Total ta' €72k
Lot 3 – Żona bypass – Total ta' €28k
Lot 3.1 – Żona Ramija, il-parti tal-garaxxijiet biex ikompli mal-proġett tal-ġnien – Total ta' €87k

Is-Sindku iċċirkola l-pjanti mmarkati kif elenkat. It-total huwa ta' €280k. Huwa qal li qed jistenna konferma dwar id-data ta' implimentazjoni.

Il-Kunsillier Charles Vassallo qal li importanti biex qabel ma jinbeda x-xogħol, jiġu infurmati r-residenti.

Is-Sindku informa wkoll li x-xogħol ta' wiċċ tal-konkos li kellu jsir f'Ġunju iżda għadu ma sarx minħabba koordinament dwar servizz tal-ilma huwa pjanat li jibda fl-aħħar t'Awwissu. Huwa qal li qabel ser issir laqgħa mar-residenti minħabba xi issues li ġibdulu l-attenzjoni dwarhom.

**460.8 Proposta ta' parkeġġ temporanju**

**460.8.1** Is-Sindku rrefera għall-problema ta' parkeġġ fil-pjazza. Hu qal li għamel eċerċizzji tal-periferija tad-dawra tal-pjazza biex tiġi identifikata art vojta. Ġie identifikat plot vojt fi Triq Nicola Saura kantuniera ma' Triq Mons Mikiel Azzopardi, biswit il-ground tal-Mużew tal-bniet, propjeta' li hija tal-knisja. Hu qal li, flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv iltaqa' ma' uffiċjali tal-Kurja wara li kien ukoll tħadded dwar l-idea mal-Arċipriet u wera il-ħsieb li din il-biċċa art li bħalissa m'għandhiex użu, u li l-istat attwali hija ta' telqa bil-ħaxix ħażin, tibda' tintuża bħala parkeġġ. Bħala idea, il-Kurja qalu li lesti għad-diskussjonijiet, u semmew rikavar ta' fondi. Is-Sindku qal li hemm diversi issues legali u qal ukoll li l-Kurja diġa' qed tibbenefika minn diversi proġetti kapitali mill-Gvern Ċentrali għalhekk jistgħu isiru trattativi dwar it-talba ta' rikavar. Ġiet diskussa ukoll l-idea ta' timed parking ħalli l-parkeġġ ikun jista' jintuża minn nies li jitilgħu jinqdew mill-pjazza u mhux flok garaxxijiet. Din l-art tesa mat-tletin sa ħamsa u tletin parkeġġ, li jirrikompensa il-parkeġġ fil-parti t'isfel tal-pjazza. Is-Sindku qal li din l-idea ddiskutiha wkoll mal-Onorevoli Omar Farrugia għall-għajnuna fl-implimentazjoni ta' dan il-proġett billi tinkesa bil-konkos u jitranġa ċ-ċint tal-madwar.

Il-Viċi Sindku qal li haw problema serja ta' nuqqas ta' parkeġġ lejn il-Pjazza u periklu u konfużjoni mil-vetturi pparkjati fin-nofs, li qed joħolqu problem ulterjuri u periklu. Hu qal li din il-proposta toffri alternattiva u għalhekk ikun jista' jsir infurzar. Propona wkoll li l-Kunsill jikkunsidra zebra crossings fil-pjazza. Is-Sindku wieġeb li din hija proposta ta' parkeġġ temporanju, peress li 'l quddiem hemm proġett tal-Kurja.

Il-Kunsillier Dominic Grech qal li għad m'hemm xejn konkret peress li jrid ikun hemm konċessjoni ta' art tal-knisja. Hu qal li bħala kunċett huwa tajjeb imma l-proġett għadu fl-ajru.

Is-Sindku qal li diġa' komunika' l-prinċipju tal-idea mal-awtoritajiet u għalhekk, qabel jipproċedi, qed jitlob l-approvazzjoni tal-Kunsill. Is-Sindku ressaq din il-proposta għall-approvazjoni tal-Kunsill biex jibdew it-trattativi mal-awtoritajiet. Il-Viċi Sindku issekond l-proposta. Il-Kunsill unanimament approva.

**460.9 Kontinwazzjoni tal-proġett ta' konservazzjoni wirt kulturali**

**460.9.1** Is-Sindku wieġeb li din hija proposta biex jitkompla fuq ix-xogħol tajjeb li sar fuq konservazjoni tal-wirt kulturali fil-leġislatura ta' qabel. Is-Sindku talab lill-Kunsilliera biex sas-Seduta li jmiss iressqu proposti dwar niċeċ li jafu bihom li jaħsbu li għandhom bżonn intervent, biex b'hemm jiġu identifikati sett ta' niċeċ u tinġieb stima tax-xogħol. Il-Kunsillier Dominic Grech qal li jilqa' b'entużjażmu din il-proposta fuq dan is-settur li tant huwa għal qalbu u semma it-tlett niċeċ ta' Triq Blat il-Qamar li kien propona qabel Ġunju. Hu qal li dan għandhom bżonn intervent kbir u bħala spiża żgur li trid tinħareġ sejħa għal-tender.

**460.10 Pubblikazzjoni tal-Fuljett (Settembru 2024)**

**460.10.1** Is-Sindku qal li l-fuljett tal-Kunsill ser jinħareġ quarterly, l-ewwel wieħed ta' din il-leġislatura jinħareġ f'Settembru. Huwa talab lill-kunsilliera jibgħatu l-artiklu ta' madwar 300 kelma lill-amministrazjoni sas-16 t'Awwissu 2024.

**460.11** **Laqgħa Pubblika – Pjan ta' ħidma**

**460.11.1** Is-Sindku qal li skond kif rikjest mill-Liġi tal-Kunsilli Lokali, għandha ssir laqgħa pubblika fi żmien tlett xhur mill-leġislatura. Fil-laqgħa jiġi diskuss il-pjan ta' ħidma għas-snin li ġejjin. Hu qal li ser jiġu identifikati tlett setturi partikolari għal working groups eżempju kultura, indafa, ambjent, infrastruttura u oħrajn. Is-Sindku propona li l-alqgħa ssir fil-25 ta' Settembru 2024, fis-6.30 ta' filgħaxija, fis-Sala tal-Kunsill.

**460.12** **Proposta għall-użu pubbliku tal-kumpless Sportiv John Debattista**

**460.12.1** Is-Sindku qal li f'laqgħa riċenti mal-Football Club flimkien mal-Kunsillier Christopher Farrugia, ġie propost li l-kumpless sportiv jibda' jinfetaħ għall-użu tal-pubbliku. Hu qal li diġa' hemm ftehim ta' €1000 annwali għal Football Club u €1000 annwali għal Basketball club biex isir manutenzjoni tal-kumpless, u hemm il-ħsieb li dan il-ftehim jiġi sostanzjat għal ftuħ estensiv biex jintuża mir-residenti fost il-ġimgħa, anka biex jintuża riżors eżistenti għal inċentiv ta' attivita' fiżika u mhux biss. Hu qal li s-Sibt il-kumpless jintuża għat-training tal-football. Issemmiet is-somma ta' madwar €4,500 annwali għal riżorsi umani. Il-Kunsillier Dominic Grech qal li jrid jiġi kkunsidrat li b'iktar użu ser tiżdied il-bżonn għal manutenzjoni u tiswija. Trid tara wkoll taħt min tkun ir-responsabilita' u anka f'każ ta' l-first aid. Is-Sindku qal li jekk hemm qbil, jiġi mfassal draft ta' ftehim mill-avukat tal-Kunsill.

**460.13** **Ingaġġ ta' Skrivan fuq Skala 15**

**460.13.1** Is-Sindku talab lis-Segretarju Eżekuttiv tispjega. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li hemm bżonn inġaġġ ta' skrivana oħra peress li x-xogħol fl-amministrazjoni dejjem jiżdied. Hija qalet li n-nuqqas ta' persuna fl-amministrazjoni li qatt ma ġiet rimpjazzata għamelt impatt kbir u x-xogħol waqa' fuq it-tlett impjegati l-oħra, li b'mod speċjali meta xi ħadd minnhom ikun bil-leave jew ma jiflaħx, l-istaff ma jlaħħqux mal-volum ta' xogħol. Is-SE qalet li hemm bżonn ta' ingaġġ ta' skrivana fuq skala 15. L-impjieg ser ikun iffinanzjat minn fondi lokali. Is-Sindku propona l-approvazzjoni u li jinbeda l-proċess. Il-Viċi Sindku issekonda. Il-Kunsill unanimament qabel.

**460.14** **Sejħa interna għal Assistent Uffiċjal Prinċipali (Skala 11)**

**460.14.1** Is-Sindku talab lis-Segretarju Eżekuttiv tispjega. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ddiskutiet mas-Sindku rigward l-impjegata li bħalissa qegħda skala 13. L-impjegata għandha diversi inkarigi ta' responsabilta' u hija l-persuni li tassisti lis-Segretarju Eżekuttiv fil-pagamenti, proċess ta' awditjar, skemi, u proġetti, u li l-performance tagħha huwa wieħed eċċellenti, effiċjenti u taa' sapport kbir biex jintlaħqu deadlines. Għalhekk qed tiproponi li skond il-Leġislazzjoni Sussidjarja 363.20, tinħareġ sejħa interna għal Assistant Uffiċjal Prinċipali fuq Skala 11. Is-Sindku qabel ma li qalet is-SE, propona li jsir il-proċess meħtieġ. Il-Kunsill unanimament approva.

**460.15** **Bidu tal-Proċess tat-tender- Works Manager**

**460.15.1** Is-Sindku qal li bħalissa qed naħdmu bil-works manager fuq bażi ta' stima, u propona biex jibda' l-proċess għall-sejħa ta' tender. Il-Kunsillier Charles Vassallo ssekonda. Il-Kunsill unanimament approva.

**460.16** **Arranġament tat-traffiku fi Triq Il-Knisja l-Qadima u Triq San Ġakbu**

**460.16.1** Is-Sindku semma l-proposta diġa approvata sabiex it-toroq isiru one-way, iżda li għad ma ġietx attwata. Huwa propona li ssir konsultazzjoni mar-residenti qabel l-attwar, anka rigward id-direzzjoni u jingħataw id-dettalji eżatt x'ser jiġri, ħalli f'każ li hemm xi issues, speċjalment ta' aċċess ta' garaxxijiet jiġu verifikati u trattati qabel.

**460.17** **Proġetti Erasmus+ u oħrajn b'fondi Ewropej**
Is-Sindku talab lis-Segretatju Eżekuttiv tispjega.

**460.17.1** **Proġett GreenPULSE f'Betera, Spanja**
Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li ġiet riċevuta stedina għal parteċipazjoni fi proġett GreenPULSE mill-Muniċipalita' ta' Betera, f'Valencia, Spanja. Il-proġett huwa diġa' approvat u finanzjat interament mill-UE. Dan il-proġett huwa fuq tema ambjentali biex iqajjem kuxjenza fost iċ-ċittadini tal-UE dwar l-importanza tal-impatt tal-ambjent fuq il-saħħa tagħna. Il-proġett jinvolvi skambju ta' grupp ta' 25 żgħażugħ mis-Siġġiewi lejn Betera għal Ottubru/Novembru u minn Betera għas-Siġġiewi f'Marzu, b'akkumpanjament ta' ħames adulti inkluż is-Sindku u l-project coordinator li hija s-SE. Is-Sindku propona li ssir sejħa publika u tintbgħat korrispondenza lill-għaqdiet biex possibilment tintbgħat rappreżentanza.

**460.17.2** **Proġett GreenPACT is-Siġġiewi**
Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-proġett Erasmus+ bħala Leader taħt il-Grant KA152, ġie eliġibbli għall-fondi. Hija qalet li dan ser iservi bħala promozzjoni għal-lokalita' tagħna ma' sitt ibliet ewropej fejn ser iżuruna sitt rappreżetanti minn kull pajjiż. Il-proġett ser jiġi implimentat mit-12 tas-17 ta' Novembru. It-tema tal-proġett bit-titlu 'GreenPACT: Nurturing Sustainability in Every Stride' hija waħda ambjentali.

**460.17.3** **Proġett UNITY – Reġjun Punent**
Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li qed tikkollabora mar-Reġjun Punent fuq proġett 'UNITY – Uniting Cultures in Tradition and Identity'. Hija qalet li il-proġett li jitratta kultura kulinarja ser ikun bejn Malta u żewġ pajjiżi oħra, Bari u l-Ungerija. Dan il-proġett qiegħed fil-fażi ta' applikazjoni taħt il-'Creative Europe Funds – Cultural Strand'. Hija qalet li flimkien mal-Viċi Sindku responsabbli mill-kultura ser tkun qed tagħti l-għajnuna meħtieġa biex din l-applikazjoni tista' tkun success.

**460.18** **Materji konnessi mal-Awtorita' tal-Ippjanar**
Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat lista ta' applikazzjonijiet li daħlu mal-Awtorita' tal-Ippjanar biex isir xi tip ta' żvilupp fis-Siġġiewi.

**460.18.1** Rigward Applikazzjoni PA07598/21, is-Sindku qal li qed nistennew ir-rakkomandazjoni tal-Perit tal-Kunsill peress li bħalissa jinsab indispost. Hu qal li ta' spiss fuq il-midja soċjali ikun hemm rapporti dwar dan l-operat illegali, trabijiet u inkonvenjent.

**460.19** **Rapport tal-Korrispondenza**
Is-Segretarju Eżekuttiv preżentat lista tal-korrispondenza mill-aħħar Seduta sal-lum.

**460.19.1** **Mandat ta' sekwestru – George Galea**
Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li ġie riċevut mandat ta' sekwestru minn George Galea dwar 'Ammont dovut bħala ħlas wara kuntratt ta' xogħol'. Hija qalet li kkonfermat mal-Bank li ġiet sekwestrata s-somma ta' €3043.54 fil-kont tal-kunsill fit-2 t'Awwissu 2024. Il-każ qed jiġi segwit mill-avukat tal-Kunsill.

**460.19.2** **Attivita' sportiva Reġjonali**
Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li r-Reġjun Punent ser ikun qed jikkoordina mal-Kunsillier Christopher Farrugia rigward attivita' sportiva Reġjonali, li proposta għal-5t'Ottubru, f'Għar Lapsi.

**460.19.3** **Każ OMB23-3760 – Claim għall-ħsarat ta' vettura**
Is-Sindku qal li wara li dan il-każ ġie diskuss mal-Avukat tal-Kunsill, u wara li ġie kkunsidrat li l-Kunsill dejjem mexa fuq il-prassi ta' arbitraġġ, u ta l-opinjoni li tinżamm l-istess metodoloġija peress li l-Kunsill mhux espert biex jiddeċiedi l-każ, speċjalment meta jkun hemm tul ta' żmien mid-data tal-inċident għal meta jidħol ir-rapport.

Il-Kunsillier Dominic Grech qal li hemm il-liġi tal-arbitraġġ fejn wieħed jista' jagħmel it-talba tiegħu u l-Kunsill m'għandux għodda biex jagħmel deċiżjonijiet fuq dawn il-każi. Huwa qal ukoll li d-deċiżjoni finali tal-Ombudsman mhix binding. Hu semma il-Każ ta' K.Cofoglu li bħalissa għaddej il-Qorti u li f'Ottubru hemm il-kontroeżami l-Qorti. Hu qal li l-Kunsill għandu jkollu elenku tal-claims li jiġu riċevuti u li saru maż-żmien. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li kull claim riċevuta jkollha l-file tagħha bil-proċess kollu.

Is-Sindku propona li għalkemm ma jaqbilx mad-deċiżjoni tal-Ombudsman, il-Kunsill jħallas 'taħt protesta' is-somma komplessiva u ta' darba ta' 90 ewro bħala sens ta' rispett lejn l-opinjoni tal-Ombudsman. Il-Kunsill Lokali għandu itenni li ma kienx responsabbli għal dak li allegatament seħħ, la direttament u lanqas indirettament u Jisħaq li l-gvern centrali għandu jagħti allokazzjoni xierqa li tkopri l-bżonnijiet tat-toroq partikolarment fejn tali toroq huma użati minn vetturi industrijali kbar. Il-Kunsill unanimament qabel u wkoll li tintbgħat ir-risposta f'dan is-sens.

**460.19.4** Festa ta' Ħal Xluq
Is-Segretarju Eżekuttiv preżentat ittra mingħand l-Għaqda tan-Nar għal talba ta' għajnuna fil-loġistika tal-Festa ta' Ħal Xluq. Hija qalet li bħas-snin l-imgħoddija ser jiġu provduti mobile toilets aċċessibbli, sitt bins, skip biex jitpoġġa l-iskart f'boroż u b'koordinament mar-Reġjun Punent ser issir darbtejn il-ġabra tal-iskart mill-iskips. L-Għaqda hija responsabbli li l-post jitħalla nadif u li l-iskart jintefa' fil-boroż fl-iskips provduti.

**460.19.5** Skema SPI/SCI/04/2024 – Fond ta' manutenzjoni u sostenn ta' proġetti infrastrutturali maġġuri li ġew imwettqa mill-Gvern Ċentrali
Is-Segretarju Eżekuttiv irreferiet għal din l-applikazzjoni għal skema ta' fondi għal massimu ta' €30,000 li d-data tagħha ġiet estiża għas-6 ta' Settembru 2024. Wara li ddiskutiet mas-Sindku, ġie kkunsidrat li jitħawlu ammont ta' siġar indiġeni tul it-triq ta' Blat il-Qamar, liema triq ġiet asfaltata fl-2018. 15% tal-fondi tal-proġett jinħarġu minn fondi lokali. Is-Sindku propona li nipproċedu b'din l-applikazzjoni. Il-Kunsill unanimament approva.

**460.20** **Rapport tal-ilmenti**
Is-Segretarju ppreżentat ir-rapport tal-ilmenti li l-Kunsill irċieva bejn l-aħħar Seduta u llum.

**460.21** **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**
Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iskeda tal-pagamenti.
Is-Sindku propona l-approvazzjoni tal-pagamenti. Il-Kunsill unanimament approva.

**460.21.1** Is-Segretarju Eżekuttiv preżentat erbgħa invoices mingħand D.Mangion għal diversi xogħolijiet f'April u Mejju liema kontijiet jammontaw għal €11,124 u ħames kontijiet relatati b'ammont totali ta' €2235,14 għal materjal operattiv li ttieħdu mill-istess D.Mangion mingħajr l-ebda purchase order. Is-Sindku qal li la m'hemmx purchase orders jew talba ta' xogħol bil-miktub dawn m'għandhomx jitħallsu. Il-Kunsillier Dominic Grech qal li dan ix-xogħol kien approvat f'minuti fil-leġislatura ta' qabel u li s-Segretarju Eżekuttiv hija responsabbli mill-finanzi u proċeduri. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li għalkemm talbet kemm il-darba lil Dominic Grech, meta kien jokkupa l-kariga ta' Sindku, qatt ma rċeviet l-ebda stima għal xogħolijiet simili, u allura ma setgħux jinħarġu purchase orders skond il-proċeduri. Hija qalet li għalkemm kien issemma li ser isir xi xogħol ta' manutenzjoni, kienet ġibdet l-attenzjoni kemm -il darba li l-kontijiet diġa' laħqu l-ammont stabbilit ta' direct order skont il-proċeduri finanzjarji u li l-Kunsill ma jista qatt japprova xogħol mingħajr stima tal-ispiża imbgħad jiġu riċevuti kontijiet sorpriża. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li kif qal hu, hija responsabbli mill-finanzi iżda mhux għal ksur ta' proċeduri ta' ħaddieħor.

Is-Sindku irrimarka illi parti il-kontijiet imsemmija għandhom magħhom kontijiet mill-Ironmongery Store partikolari fejn dan il-persuna kien imur jiġbor affarijiet f'isem il-Kunsill mingħajr awtorizzazjoni. B'riferenza għal dawn il-kontijiet u l-intervent tas-Sindku preċedenti, is-Sindku qal li minħabba possibilment kunflitt ta' interess tas-Sindku preċedenti, lanqas suppost qatt ippermetta li dan isir.

**460.21.2** Il-Kunsillier Dominic Grech ħareġ mill-laqgħa fit-8.30pm.

**460.22** **Approvazzjoni tal-Aġġustamenti Finanzjarji – Għeluq tas-sena 2023**

**460.23** Is-Segretarju Eżekuttiv preżentat l-aġġustamenti finalizzati kif diġa tressqu fis-Seduta preċedenti. Il-Kunsill unanimament approva dan ir-rapport kif preżentat.

**460.24** **Approvazjoni tal-Quarterly Report April-Ġunju 2024 (Q3)**

**460.24.1** Is-Sindku informa li r-rapport jiġi preżentat fis-Seduta li jmiss peress li għandhom ma ġewx konklużi.

**460.24.2** **Items oħra ta' xogħol ieħor li jkun meħtieġ**

**460.24.3** Il-Kunsillier Christopher Farrugia semma l-assesjar tal-blat f'Għar Lapsi. Irringrazja s-Sindku ta' l-intervent immedjat u qal li għandha tittieħed l-azzjoni neċessarja biex jittieħdu l-miżuri kollha biex jiġi mrażżan il-periklu.

**460.24.4** Il-Kunsillier Farrugia talab ukoll li jinżabru is-siġar tal-palm f' misraħ il-Vittmi tal-Gwerra. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbet li x-xogħol pjanat għal ġimgħa d-dieħla.

**460.24.5** Il-Kunsillier Farrugia qal li hemm ħafna tgergir mir-residenti minħabba trakkijiet li jgħaddu mill-Kirċippu. Hu saqsa l-possibilta' li dawn jibdew jitilgħu minn Triq ta' Karlozzu. Issemmiet li din it-triq hija dejqa ħafna u mhux aċċessibbli għat-trakkijiet tal-barriera.

**460.24.6** Semma wkoll il-problema li vetturi li jitilgħu minn Triq l-Imdina jibqgħu sejrin wrong side minflok iduru mar-roundabout ta' Triq it-Tabib Nikola Zammit. Hu talab li tittieħed azzjoni mmedjata qabel iweġġa xi ħadd. Qal li diġa' kien hemm diversi inċidenti.

**460.24.7** Il-Kunsillier Farrugia saqsa dwar il-belisha crossings ta' Triq Dun Manwel Zammit. Hu qal li qabel l-elezzjoni kien ġie avżat li dawn approvati iżda qatt ma saru.

**460.24.8** Il-Kunsillier Charles Vassallo qal li ċertu mirja tat-traffiku f'toroq prinċipali għandhom ikunu ikbar fid-daqs biex ikunu effettivi.

**460.24.9** Il-Kunsillier Vassallo qal li jirċievi diversi ilmenti li m'hemmx dell il-bandli, għalkemm hemm dawk it-tined f'ċertu postijiet m'humhiex biżżejjed.

**460.24.10** Il-Kunsillier Vassallo qal li hemm problema bl-immaniġjar tal-iskart fil-Binja Silvio Parnis. Hu qal li mill-ewwel komunikazzjoni mal-Amministraturi tal-blokka, ma hemmx rubbish room komuni. Hu qal li l-kollettur jiġbor biss mit-triq pubblika u ma jistax jidħol fit-trejqa privata. Fil-jiem li ġejjin, flimkien mal-uffiċjali mir-Reġjun Punent, ser issir laqgħa mal-amministrazzjoni tal-binja rigward din l-issue ħalli tiġi trattata kemm jista' jkun malajr. Hu qal li kien hemm każi fejn kellu jsir infurzar minħabba rimi ta' skart illegali, skart li jinħareġ mhux skond l-iskeda u problemi oħra ta' ħmieġ.

**460.24.11** Il-Kunsillier Vassallo qal li hemm talba ta' parking bays f'diversi toroq. Qal li diġa tkellem mas-Segretarju Eżekuttiv fejn spjegat li fejn hemm terraced houses bil-garage magħhom, minħabba li l-kaxxi jridu jsiru skond qisien standard, jintilef ħafna parkeġġ u allura jkunu r-residenti stess li jitolbu li l-linji ma jsirux.

**460.24.12** Il-Kunsillier Vassallo talab biex tintbagħat tfakkira għal talba għal laqgħa mal-Ministru tal-Anzjani peress li ma kienx hemm risposta.

**460.24.13** Il-Viċi Sindku qal li anka minn posts fuq media socjali, ikun haw tgergir fuq bins li ma jitbattlux. Il-Kunsillier Charles vassalo qal li qed isegwi it-tindif personalment, u qal ukoll li il-problema tal-bins ħafna drabi tkun li jintefgħu boroż ta' skart domestiku fihom u allura jimtlew.

**460.24.14** Il-Viċi Sindku qal li fi Triq il-Girgenti, li hija two way traffic, qed ikun hemm problema ta' aċċess għall-karozzi tal-linja. Is-Sindku qal li din it-triq għandha ssir one way meta jsir il-pjan ħolistiku ma' Triq Blat il-Qamar.

**460.25** **Tmiem tal-laqgħa u aġġornament**

Il-laqgħa intemmet fid-8.45 ta' filgħaxija.
Is-Sindku propona li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn 2 ta' Settembru 2024 fis-6.00 ta' filgħaxija.

Konfermati, illum 2 ta' Settembru 2024

| | |
|---|---|
| Julian Borg | Ritienne Giorgino |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |